**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 15 ta' Gunju 2001.

Pulizija
Spettur Mario Bonello
Spettur Neville Xuereb.

Vs

Sebaa Mohamed.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sebaa Mohamed, ta' 28 sena bin Rashid u Barkaw nee' mhux mgharuf imwieled Algeria fl-10 ta' Ottubru 1972 u joqghod f'indirizz mhux maghruf u li ma' ghandu ebda passaport;

Talli fl-14 ta' Gunju 2001, ghall-habta tat-8.00 ta' filghodu gewwa Hal Balzan ikkommetta serq ta' mobile phone ghad-detriment ta' Romina Micallef liema serq huwa aggravat bil-valur;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika kontra PC 944 Godwin Caruana persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta'ordni mghotija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti.

Wara illi rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jgib id-data tal-15 ta' Gunju 2001;

U wara li rat l-Artikoli 261 et seq, u 95 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 217;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Sebaa Mohamed hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u specifikament l-akkuzata' serq u resistenza kontra ufficjal Pubbliku, qeghda tikkundanna lill-imsemmi Sebaa Mohamed ghal sitt (6) xhur prigunerija u wara li dan iz-zmien jigi servut, qeghda tiddikjarah bhala immigrant projbit, u tordna it-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.